# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 17 ta' Settembr 2024**

**Nru: 15**

**Rikors Nru. 624/2022**

## Tlata Contractors Limited

**v**

## Western Company Limited
## Elvin Galea u martu Claudine Galea
## u
## Patrick Gatt u martu Christine Gatt
## għal kull interess li jista' jkollhom

**Sfond**

1. Tlata Contractors Limited ("Tlata") u Western Company Limited ("Western") daħlu f'kuntratt li permezz tiegħu Western tat lil Tlata d-dritt li tordom barriera. Western ma kienitx il-proprjetarja tal-barriera iżda kienet akkwistat id-dritt ta' irdim mingħand is-sidien ta' dak iż-żmien, Patrick Gatt u Chartine Gatt (il-"konjugi Gatt"). Ġara li l-konjugi Gatt biegħu l-barriera lil Elvin Galea u Claudine Galea (il-"konjugi Galea") li, a bażi tat-titolu li akkwistaw mingħand il-konjugi Gatt, jidher li waqqfu lil Tlata milli tordom il-barriera.

2. F'din il-kawża Tlata qiegħda, fl-ewwel lok, titlob li d-dritt tagħha li tordom il-barriera jiġi rikonoxxut u, b'konsegwenza t'hekk, li l-konjuġi Galea jiġi ordnati li ma jkomplux

jostakolaw lil Tlata milli tordom il-barriera, u li huma (u l-konjuġi Gatt) jagħmlu tajjeb għad-danni li kkawżaw s'issa. Fit-tieni lok, u fl-alternattiv, Tlata qiegħda titlob li jekk id-dritt tagħha skont il-kuntratt ma Western jitqies kanċellet, estint jew inkella annulatt, li Western (i) tiġi ordnata trodd lura dak li rċeviet skont il-kuntratt ma' Tlata; u (ii) tagħmel tajjeb għad-danni.

3. Western, il-konjuġi Galea u l-konjuġi Gatt kollha jgħidu li l-kawża saret ħażin u li, għalhekk, ma tistax titkompla.

4. Skont ma kien ġie deċiż waqt is-smigħ tas-26 ta' April 2023, din is-sentenza hi dwar l-oġġezzjonijiet proċedurali li qajjmu l-konvenuti. Il-kwistjoni ta' sustanza bejn il-partijiet mhix sejra tiġi eżaminata.

**Il-validità tal-kawża**

5. Il-konjuġi Galea u l-konjuġi Gatt jgħidu li l-kawża għandha titqies nulla għaliex fiha talbiet opposti u kontradittorji; tikser, jgħidu, il-prinċipju ta' *non cumul*.[1] Western tgħid li l-kawża ma setgħetx titressaq kif fil-fatt tressqet għaliex, fil-fehma tagħha, Tlata kisret il-massima, jew il-prinċipju, magħruf bil-Latin bħala *electa una via non datur recursus ad alteram* jew, bil-Malti, li meta wieħed jitlob rimedju, ma jistax, fl-istess azzjoni, jitlob rimedju jew rimedji oħra.[2]

6. Il-prinċipju ta' *non cumul* - prinċiju tad-dritt Franċiż, ta' applikabilità dubjuża f'Malta - ftit li xejn jidher li għandu x'jaqsam ma dak li riedu jgħidu l-konjuġi Galea u Gatt.[3] Il-punt tagħhom pjuttost hu li r-rikors li bih inbdiet il-kawża fih talbiet kontradittorji; punt li, jekk għandhom raġun, jista' jwassal għal dikjarazzjoni li r-rikors ġuramentat li bih inbdiet din il-kawża hu null.

7. Anki l-prinċipju msemmi minn Western – *electa una via* – ma tantx jidher li għandu wisq x'jaqsam ma dak li riedet tgħid fl-ewwel difiża, jew eċċezzjoni, tagħha. Kif tispjega fin-nota tagħha, il-punt pjuttost jidher li hu li mhux possibbli li jiġu avvanzati talbiet fl-alternattiv.[4]

---

[1] Ara difiża tal-konjuġi Galea, paġ. 33; u dik tal-konjuġi Gatt, paġ. 29.
[2] Ara difiża ta' Western, paġ. 25.
[3] Ara Zammit, D, *Does the 'non cumul' rule exist in our civil law?* Id-Dritt, 18, 49-66.
[4] Ara paġ. 123, l-aħħar paragrafu. Ara ukoll *Emanuele Scicluna v Av Dr Spiridione Camilleri noe,* Qorti tal-Appell, 19 ta' Jannar 1959, Vol. XLIII.i.55.

8. Issa anki jekk ma fissruhx bl-aħjar mod, il-punt tal-konjuġi Galea u tal-konjuġi Gatt li talbiet ma għandhomx ikunu kontradittorji hu wieħed tajjeb fil-liġi: Jekk irrikors promotur ikun fih talbiet li ma jistgħux jiġu rikonċiljati flimkien, dan ir-rikors ma jkunx konformi mal-art. 156, u għalhekk huwa soġġett għal dikjarazzjoni ta' nullità skont l-art. 789(1)(ċ), it-tnejn tal-Kap. 12.[5]

9. Anqas b'saħħtu hu l-argument ta' Western, li donnu hu fis-sens li talbiet alternattivi mhumiex permessi fil-prinċipju. Infatti, m'huwiex eskluż li azzjoni jkun fiha numru ta' kawżali u premessi anke jekk dawn iwasslu għal iktar minn azzjoni waħda. Li huwa prekluż huwa li tinħoloq sitwazzjoni ta' inċertezza dwar dak li l-ġudikant irid jiddeċiedi fuqu u li l-konvenut irid jiddefendi ruħu minnu.[6] Din is-sitwazzjoni tista' titnissel b'konsegwenza ta' talbiet konfliġġenti u li ma jistgħux jiġu rikonċiljati flimkien. Madanakollu fejn talbiet alternattivi ma joħolqu l-ebda kontradittorjetà jew konflitt ma għandu jkun hemm ebda diffikultà li dawn jitqiesu validi.

10. F'dan il-każ il-qorti ma tarax li hemm kontradittorjetà, lanqas bħala konsegwenza tal-fatt li t-talbiet tressqu fl-alternattiv. M'hemmx dubji rigward l-oġġett prinċipali tal-kawża: it-talba hi għal dikjarazzjoni li l-kuntratt bejn Tlata u Western jorbot. Hemm imbagħad talbiet konsegwenzjali dwar l-effetti ta' dik ir-rabta fuq il-konjuġi Galea u kif ukoll fuq il-konjuġi Gatt.[7]

11. Tlata tagħraf li t-talba prinċipali tagħha taf ma tintlaqax u, allura, ressqet talbiet konsegwenzjali f'każ li t-talba prinċipali tagħha u, naturalment, dawk li jiddependu fuqha, ma jirnexxux. Hawn ukoll hi tħares prinċipalment – anzi issa esklussivament – lejn Western, għaliex hi kienet il-parti għall-kuntratt, u jekk il-kuntratt ma jorbotx għal raġuni attribwibbli ghal Western, hi Western li trid tirrispondi għall-konsegwenzi.

---

[5] Ara *Angelo Fenech v Pawlu Grech et,* Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, deċ. 24 ta' Settembru 2021; u *Dr René Frendo Randon noe v Albert Walter Salomone,* Qorti tal-Appell24 ta' April 1998, Vol LXXXII.II.i.90. Il-qorti mhix konvinta li att b'talbiet kontradittorji hu neċessarjament null: filwaqt li l-qorti tifhem id-diffikultà li tali att joħloq għall-konvenut, kif spjegat f'*Frendo Randon*, u tifhem ukoll, kif ingħad f'dik is-sentenza, li mhux għall-qorti li tagħżel għall-attur, il-qorti ma tifhimx għaliex l-attur ma jistax, jekk jidhirlu, jneħħli l-kontradizzjoni billi, pereżempju, iċedi talba jew talbiet.

[6] *Dr René Frendo Randon noe v Albert Walter Salomone,* Qorti tal-Appell, 24 ta' April 1998, Vol LXXXII.ii.i.90.

[7] Għalkemm Western tgħid li 'l-ewwel parti tat-talbiet ... gew indirizzati lill-intimati Elvin Galea u Patrick Gatt' biss (ara risposta ġuramentata, paġ. 25), dan mhux preċiż.

12. Ma hemm xejn konfliġġenti f'dawn it-talbiet. Tlata trid tenforza l-kuntratt.[8] Iżda dan ma jfissirx li jekk ma jirnexxiliex, allura m'għandhiex, potenzjalment, rimedji alternattivi, riżultanti mill-fatt li l-kuntratt ma wassalx għar-riżultat li hi xtaqet meta daħlet fih. U ma hemm ebda raġuni għaliex il-qorti m'għandhiex jew ma tistax tiddeċiedi mod jew ieħor; u lanqas raġuni biex il-konvenuti iħossuhom konfużi tant li ma jistgħux jiddefendu ruħhom jew, jekk jixtiequ, li jammettu talba jew oħra.[9]

13. Għalhekk dawn l-eċċezzjonijiet sejrin jiġu miċħuda.

**Is-subartikolu (3) tal-artikolu 161 tal-Kap 12**

14. Il-konjuġi Gatt jgħidu li dan l-artikolu, li jippermetti li żewġ atturi jew iktar jibdew kawża b'att wieħed, ma jistax jintuża b'analoġija biex jiġu permessi kawżi distinti kontra iktar minn konvenut wieħed ghaliex inkella 'tohloq rebus'.[10] Biex isostnu l-argument tagħhom, il-konjuġi Gatt jistrieħu fuq is-sentenza f'*Anthony Camilleri v Citadel Insurance plc*.[11] Fiha ngħad li

> "Il-kumulu ta' azzjonijiet f'gudizzju wiehed hu possibili kontra pluralita' ta' konvenuti ...
>
> M'ghandux ikun permess pero' li fl-istess citazzjoni l-attur iressaq diversi azzjonijiet kontra diversi konvenuti, jekk ma jkunux konnessi ghall kollox bejniethom ... '*è deferito al prudente arbitrio del magistrato di riconoscere se e quando la collettività possa essere awtorizzata per l'economia dei giudizi senza pregudizio dei diritti a ciascuno dei litiganti spettanti'* (Coen Citazione Materia Civile, para 897-907)"

15. F'dak il-każ il-qorti sabet li l-attur kien qiegħed jsostni, fl-istess nifs, li kuntratt ta' assikurazzjoni kien validu u invalidu.

---

[8] Hemm varji istanzi fejn il-konvenuti, jew uħud minnhom, jikkaratterizżaw il-każ kontrihom ħażin. Pereżempju, il-konjuġi Gatt jgħidu li Tlata qed tagħmel kawża kontra Western 'talli din biegħet dritt li ma kellhiex' (ara paġ. 118, it-tieni paragrafu). L-istess jgħidu iktar 'l isfel f'paġ. 118: 'L-attur kellu jaghzel jew ghamel kuntratt li jorbot jew ma ghamilx kuntratt li jorbot'. Fil-fatt Tlata għażlet; imma tilqa' ukoll għall-fatt li l-għażla tagħha taf ma tintlaqax.

[9] Ara, għal sitwazzjoni simili, iżda fil-kuntest ta' konvenju, *Jason Sammut v B & G Property Development Limited,* Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, deċ. 23 ta' April 2012 (per Onor Imħallef M Chetcuti, illum STO Prim Imħallef); u s-sentenzi hemm ċitati. Il-konjuġi Gatt ma jidhirx li għandhom problema fil-prinċipju b'talbiet alternattivi; jgħidu biss li f'dan il-każ it-talbiet huma ukoll kontradittorji.

[10] Nota ta' osservazzjonijiet tal-konjuġi Gatt, paġ. 118.

[11] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, deċ 25 ta' Frar 2005.

16. Sostantivament, il-punt mhux wisq differenti minn dak li ġa tqies iktar 'l fuq; jiġifieri li, skont il-konjuġi Gatt, it-talbiet ma jistgħux jgħixu flimkien, għaliex huma konfliġġenti. Il-qorti m'għandhiex wisq x'iżżid ma dak li ġa qalet, ħlief li ma tantx tara rabta ta' dan il-punt mas-subartikolu (3) tal-artikolu 161 tal-Kap. 12.

**Intempestività: kawża saret kmieni wisq?**

17. Western tgħid li in kwantu dawn il-proċeduri jirrigwardaw t-talbiet kontra tagħha, dawn huma intempestivi – jew saru qabel żmienhom – għaliex sa' llum m'hemm ebda proċeduri mibdija mill-konjuġi Galea jew mill-konjuġi Gatt biex l-għotja tad-dritt li tippretendi Tlata tiġi annullata.

18. Din l-eċċezzjoni hija msejsa fuq il-premessa żbaljata (fost punti oħra) li l-ewwel talba ta' Tlata hi diretta kontra l-konvenuti Galea u Gatt biss. Kif rajna l-ewwel talba hi prinċipalment għal dikjarazzjoni fil-konfront ta' Western, u ordnijiet konsegwenzjali kontra l-konvenuti l-oħra. It-tieni talba mhix, kif tgħid Western fin-nota ta' osservazzjonijiet, ipotetika, iżda, kif rajna, alternattiva.

19. Għalhekk, il-qorti tqis li din id-difiża ma tiswiex.

**Il-kawżi ta' spoll huma ta' ostakolu?**

20. It-tieni difiża tal-konjuġi Galea hi li dawn il-proċeduri huma nulli għaliex Tlata bdiet proċeduri ta' spoll fil-konfront tagħhom, u vice versa, il-mertu ta' liema spoll hu wieħed identiku għal dawk f'din il-kawża.[12]

21. Fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħhom, il-konjuġi Galea jistrieħu fuq il-ġurisprudenza magħrufa fis-sens li kawża hekk imsejjħa petitorja, jew dwar titolu, ma tistax titressaq qabel ma' l-pussess li jkun ittieħed jiġi ritornat.[13]

[12] Difiża tal-konjuġi Galea, paġ. 33 – 34. Kopji tar-rikorsi li bihom inbdew il-kawżi ta' spoll jinstabu f'paġ. 57 - 109

[13] Ara, fost oħrajn, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell, *Cassar et v Xuereb Montebello et*, 28 ta' Mejju 1956, Vol XL.i.234.

22. Ir-relevanza ta' din il-ġurisprudenza mhix ċara għaliex ħadd mill-partijiet ma qed jallega li Tlata kkommettiet spoll; anzi Tlata qiegħda tallega li sar spoll fil-konfront tagħha, u għamlet kawża f'dan ir-rigward kontra l-konjuġi Galea. Ma hemm xejn li jwaqqaf lil min jallega li sar spoll fil-konfront tiegħu li, fl-istess ħin, iressaq ukoll kawża dwar titolu, kif tidher li qed tagħmel Tlata b'din il-kawża.

23. Għalhekk, anki id-difiża ukoll hi mingħajr sustanza.

**Soprasessjoni, jew it-talba biex din il-kawża titwaqqaf**

24. Il-konjuġi Galea isostnu li l-qorti għandha twaqqaf din il-kawża sakemm jiġi deċiżi l-kawżi ta' spoll14 għaliex dak li ser jiġi deċiż fihom awtomatikament ser jaffettwa d-deċiżjoni f'din il-kawża.15 Il-konjuġi Galea ma jispjegawx x'ser ikun dan l-effett; kif inhu awtomatiku; u għaliex, anki jekk hu hekk, din il-kawża għandha tieqaf. Wisq anqas ma jispjegaw il-bażi fil-liġi għat-talba tagħhom.

25. Il-qorti ma tarax li għandha tkun hi li tispekula dwar il-fatti, u lanqas li tipprova ssib bażi fil-liġi għat-talba. F'dan l-aħħar rigward, tagħmel referenza għas-sentenza ċitata minn Tlata, Onor Imħallef Dottor Anton Depasquale v Avukat Ġenerali16 li fiha ngħad, fuq skorta ta' sentenzi oħra, li t-twaqqif ta' kawża, anki fejn il-liġi tippermettiha, hi miżura eċċezzjonali – anzi eċċezzjonalissima - li trid, għalhekk, ġustifikazzjoni serjissima. Fin-nuqqas biss ta' attentat tal-konjuġi Gatt li juru l-bażi, kemm fid-dritt u kemm fil-fatt, tat-talba, il-qorti sejra tiċħadha.

**Għal kull interess**

26. Il-konjuġi Gatt jgħidu, fit-tielet difiża tagħhom, li ġew imħarrka ħażin għaliex fl-okkju huma imsemmija 'għal kull interess li jista' jkollhom' iżda mbagħad hemm talbiet diretti kontra tagħhom.[17]

[14] Ara nota tal-1 ta' Frar 2024, paġ. 57 - 109
[15] Nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konjuġi Galea, paġ. 114
[16] Qorti Kostituzzjonali, deċ.1 ta' Ġunju 2001
[17] Ara difiża tal-konjuġi Gatt, paġ. 29

27. Id-deskrizzjoni ta' kif tħarrku l-konjuġi Gatt fl-okkju setgħet kienet aħjar. Imma tibqa' sempliċi deskrizzjoni għal finijiet ta' identifikazzjoni ta' proċeduri, li m'għandiex wisq importanza, u inqas u inqas eżitu, u jista' dejjem jissewwa jekk ikun meħtieġ.

28. Din id-difiża għandha mill-fieragħ.

**Parti Deċiżiva**

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti, filwaqt li tiċħad (i) l-ewwel żewġ eċċeżżjonijet ta' Western; l-(ii) ewwel tliet eċċezzjoniet tal-konjuġi Gatt; u (iii) l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-konjuġi Galea, tordna li l-kawża titkompla tinstema' fil-mertu. Għal dan il-għan jingħataw direzzjonijiet proċedurali immedjatament wara s-sentenza.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur